MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 409/2011

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu d-ditta attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ seba mija, wiehed u tletin ewro u sittin centezmu (€731.60) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta’ servizzi legali lilu rezi mid-ditta attrici fuq inkarigu tieghu stess. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali esekuttiva datata 26 ta’ Jannar 2011 bin-numru 216/2011 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura 23 ta’ April 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ seba mija, wiehed u tletin ewro u sittin centezmu (€731.60), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------